# L-Iskeda tal-Eżami tat-Taħdit

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | |
| **Test 1** | Taħriġ 1: It-Tħejjija - mhux assessjata | minuta | studenti 1 u 2<br><br>studenti 3 u 4 |
| | Taħriġ 2: L-Intervista:<br>1. **L-ambjent ta' madwarna**<br>7. **L-ikel**<br>11. **Nies li jgħinuna**<br>12. **L-isports** | 3 minuti | |
| | Taħriġ 3: Staqsini Inti | 3 minuti | |
| | Taħriġ 4: Stampa Storja | 3 minuti | |
| | | | |
| **Test 2** | Taħriġ 1: It-Tħejjija - mhux assessjata | minuta | studenti 5 u 6<br><br>studenti 7 u 8 |
| | Taħriġ 2: L-Intervista:<br>2. **L-għajnuna fid-dar**<br>3. **L-annimali**<br>6. **Dwarek innifsek**<br>8. **Il-ħin liberu** | 3 minuti | |
| | Taħriġ 3: Staqsini Inti | 3 minuti | |
| | Taħriġ 4: Stampa Storja | 3 minuti | |
| | | | |

# TEST 1

## TAĦRIĠ 1: IT-TĦEJJIJA (minuta, mhux assessjata)

L-interlokutur jistaqsi dawn il-mistoqsijiet fl-ordni li jidhru.

| | | |
|---|---|---|
| 1A | Lil Student A: | **Bonġu! Int x'jismek u x'kunjomok, jekk jogħġbok?** |
| 1B | Lil Student B: | **Bonġu! Int x'jismek u x'kunjomok, jekk jogħġbok?** |
| 2A | Lil Student A: | **Kif inti llum? Tajjeb jew ħażin? Għaliex?** |
| 2B | Lil Student B: | **U inti? Kif tħossok illum? Għaliex?** |
| 3A | Lil Student A: | **Xi tħobb tagħmel is-Sibt? Għaliex?** |
| 3B | Lil Student B: | **Xi tħobb tagħmel il-Ħadd? Għaliex?** |
| 4A | Lil Student A: | **Liema kulur jogħġbok l-aktar? Għaliex?** |
| 4B | Lil Student B: | **Liema staġun jogħġbok l-aktar? Għaliex?** |
| 5A | Lil Student A: | **Liema suġġett jogħġbok l-aktar? Għaliex?** |
| 5B | Lil Student B: | **Liema suġġett jogħġbok l-inqas? Għaliex?** |
| 6A | Lil Student A: | **X'tixtieq issir la tikber? Għaliex?** |
| 6B | Lil Student B: | **U inti? X'tixtieq issir la tikber? Għaliex?** |

## TEST 1: TAĦRIĠ 2: L-INTERVISTA (3 minuti)

**L-interlokutur jgħid lil Student A u Student B:**

L-ewwel se jkollna eżerċizzju qasir bin-numri. Ħarsu lejn il-karta. Kull wieħed/waħda minnkom għandkom żewġ kaxxi bin-numri. Intom tridu tgħiduli x'numri qed taraw.

L-ewwel żewġ kaxxi se naqrahom jien bħala eżempju:

(96) sitta u disgħin ktieb

(924) disa' mija, erbgħa u għoxrin ktieb

**Lil Student A:** Ħares lejn il-karta u għidli n-numri li qed tara:
76 (sitta u sebgħin ktieb)
692 (sitt mija, tnejn u disgħin ktieb
*jew* sitt mija u tnejn u disgħin ktieb)

**Lil Student B:** Ħares lejn il-karta u għidli n-numri li qed tara:
81 (wieħed u tmenin ktieb)
265 (mitejn, ħamsa u sittin ktieb
*jew* mitejn u ħamsa u sittin ktieb)

**L-interlokutur jistaqsi dawn il-mistoqsijiet fl-ordni li jidhru.**

**L-interlokutur jgħid lil Student A:**

"Se nistaqsik xi mistoqsijiet dwar *l-ambjent ta' madwarna.*"

1. Inti tippreferi ġurnata l-baħar jew ġurnata fil-kampanja? Għaliex?
2. Liema huwa l-aktar post tal-baħar/tal-kampanja li jogħġbok? Għaliex?
3. Taqbel li t-tfal il-kbar tal-primarja jibdew imorru l-iskola bir-rota? Għaliex?
4. Kieku kellek issir pustier/a, f'liema raħal tippreferi tmur tqassam l-ittri? Għaliex?

**L-interlokutur jgħid lil Student B:**

"Se nistaqsik xi mistoqsijiet dwar *l-ikel.*"

1. Inti tippreferi tiekol platt għaġin jew platt minestra? Għaliex?
2. Liema hija l-aktar frotta favorita tiegħek? Għaliex?
3. Taqbel li fl-iskola tiegħek ikollok lezzjonijiet tat-tisjir kuljum? Għaliex?
4. Kieku kellek tiftaħ restorant taħt il-baħar, x'ikel issajjar fih? Għaliex?

**L-interlokutur jgħid lil Student A:**

"Se nistaqsik dwar *nies li jgħinuna.*"

1. Inti tippreferi ssir għalliem/a jew pilota tal-ħelikopters? Għaliex?
2. Mix-xogħlijiet kollha li taf, liema taħseb huwa l-aktar xogħol li jgħin lin-nies? Għaliex?
3. Taqbel li t-tfal tamparek jagħtu sehemhom fi ġbir ta' fondi għal min hu fil-bżonn? Għaliex?
4. Kieku kellek tagħti medalja lil xi ħadd li għenek f'ħajtek, lil min tagħtiha? Għaliex?

**L-interlokutur jgħid lil Student B:**

"Se nistaqsik dwar *l-isports.*"

1. Inti tippreferi l-isports tal-art jew l-isports tal-baħar? Għaliex?
2. Liema huwa l-aktar sport li jogħġbok? Għaliex?
3. Taqbel li t-tfal kollha għandhom jagħmlu siegħa sports kuljum? Għaliex?
4. Kieku kellek issir ballun, ta' liema sport tixtieq tkun? Għaliex?

## TEST 1: TAĦRIĠ 3: STAQSINI INTI (3 minuti)

L-interlokutur jgħid lill-istudenti:

**"Nixtieqkom tħarsu sewwa lejn dan ir-ritratt. (*wara 5 sekondi*) In-nies li qed taraw fir-ritratt nafhom sewwa u lest/a nirrispondi l-mistoqsijiet kollha li se tistaqsuni fuq dak li qed taraw. X'tixtiequ tkunu tafu?"**

Jekk l-interlokutur jara li xi student għandu bżonn l-għajnuna jgħid:

**"Tista' tistaqsini dwar..."**

- **il-post fejn qegħdin dawn in-nies**
- **min huma n-nies li qed jidhru fir-ritratt**
- **x'qed jagħmlu dawn in-nies**
- **x'qed jagħmel il-raġel tal-mantell**
- **x'qed tagħmel il-mara tad-dublett abjad**
- **hemmx xi ħaddieħor li mhux qed jidher fir-ritratt**

L-istudenti jipparteċipaw indaqs xħin imisshom wara xulxin sakemm jgħaddu 3 minuti.



## TEST 1: TAĦRIĠ 4: STAMPA STORJA (3 minuti)

L-interlokutur jgħid:

**"Se nurikom kull wieħed sett ta' stampi li jagħmlu storja. Iflu sew dawn l-istampi u mbagħad għiduli fi kliemkom l-istorja. Iddeskrivu dak li qed taraw fid-dettall."**

Lil Student A: **"Se nagħti l-ewwel sett ta' stampi lilek. Għandek għoxrin sekonda sakemm toqgħod tarahom bil-kwiet. Wara tista' tirrakkonta x'ġara billi tibda hekk:**

**Mela darba ...** ***jew***
**Is-Sibt li għadda ...** ***jew***
**Il-ġimgħa l-oħra ...**

**Infakkrek li għandek tuża Malti tajjeb."**

L-istudent għandu jdum minuta jitkellem fuq dawn l-istampi. Jekk jeħel, l-interlokutur jista' jipponta lejn stampa partikulari u jgħidlu: **"Ara, kellimni iktar fuq din."**

Wara li jlesti Student A, l-interlokutur jirrepeti l-proċedura għal Student B.

**Student A**



**Student B**



# TEST 2

## TAĦRIĠ 1: IT-TĦEJJIJA (minuta, mhux assessjata)

L-interlokutur jistaqsi dawn il-mistoqsijiet fl-ordni li jidhru.

| | | |
|---|---|---|
| 1A | Lil Student A: | **Bonġu! Int x'jismek u x'kunjomok, jekk jogħġbok?** |
| 1B | Lil Student B: | **Bonġu! Int x'jismek u x'kunjomok, jekk jogħġbok?** |
| 2A | Lil Student A: | **Kif inti llum? Tajjeb jew ħażin? Għaliex?** |
| 2B | Lil Student B: | **U inti? Kif tħossok illum? Għaliex?** |
| 3A | Lil Student A: | **Xi tħobb tagħmel is-Sibt? Għaliex?** |
| 3B | Lil Student B: | **Xi tħobb tagħmel il-Ħadd? Għaliex?** |
| 4A | Lil Student A: | **Liema kulur jogħġbok l-aktar? Għaliex?** |
| 4B | Lil Student B: | **Liema staġun jogħġbok l-aktar? Għaliex?** |
| 5A | Lil Student A: | **Liema suġġett jogħġbok l-aktar? Għaliex?** |
| 5B | Lil Student B: | **Liema suġġett jogħġbok l-inqas? Għaliex?** |
| 6A | Lil Student A: | **X'tixtieq issir la tikber? Għaliex?** |
| 6B | Lil Student B: | **U inti? X'tixtieq issir la tikber? Għaliex?** |

## TEST 2: TAĦRIĠ 2: L-INTERVISTA (3 minuti)

**L-interlokutur jgħid lil Student A u Student B:**

L-ewwel se jkollna eżerċizzju qasir bin-numri. Ħarsu lejn il-karta. Kull wieħed/waħda minnkom għandkom żewġ kaxxi bin-numri. Intom tridu tgħiduli x'numri qed taraw.

L-ewwel żewġ kaxxi se naqrahom jien bħala eżempju:

(96) sitta u disgħin ktieb

(924) disa' mija, erbgħa u għoxrin ktieb

**Lil Student A:** Ħares lejn il-karta u għidli n-numri li qed tara:

78 (sitta u sebgħin ktieb)

721 (seba' mija, wieħed u għoxrin ktieb *jew* seba' mija u wieħed u għoxrin ktieb)

**Lil Student B:** Ħares lejn il-karta u għidli n-numri li qed tara:

39 (disgħa u tletin ktieb)

825 (tmien mija, ħamsa u għoxrin ktieb *jew* tmien mija u ħamsa u għoxrin ktieb)

**L-interlokutur jistaqsi dawn il-mistoqsijiet fl-ordni li jidhru.**

**L-interlokutur jgħid lil Student A:**

"Se nistaqsik dwar *l-għajnuna fid-dar*."

1. Inti tippreferi d-dar fejn toqgħod jew id-dar ta' xi ħabib/a tiegħek? Għaliex?
2. Liema hija l-aktar ħaġa li tħobb tagħmel biex tagħti daqqa t'id id-dar? Għaliex?
3. Taqbel li t-tfal jagħmlu s-sodda kuljum qabel ma jmorru l-iskola? Għaliex?
4. Kieku tkun omm/missier, tgħidilhom lil uliedek biex kull filgħaxija jaħslu l-platti wara li jkun kiel kulħadd? Għaliex?

**L-interlokutur jgħid lil Student B:**

"Se nistaqsik dwar *l-annimali.*"

1. Inti tippreferi dar bl-annimali jew mingħajrhom? Għaliex?
2. Liema huwa l-aktar annimal li jogħġbok? Għaliex?
3. Taqbel li jkun hawn nies li jieħdu ħsieb l-annimali abbandunati? Għaliex?
4. Kieku kellek tiftaħ il-basket tal-iskola u ssib ġeru, x'tagħmel? Għaliex?

**L-interlokutur jgħid lil Student A:**

"Se nistaqsik *dwarek innifsek.*"

1. Inti tippreferi tibqa' tifel/tifla, jew tippreferi ssir adult? Għaliex?
2. Liema hija l-aktar ħaġa li togħġbok fik innifsek? Għaliex?
3. Taqbel li t-tfal tamparek ikunu jistgħu jagħżlu l-ismijiet tagħhom huma? Għaliex?
4. Kieku kellek tiltaqa' mal-ġenju tal-lampa, u jistaqsik titolbu xi ħaġa waħda biss, x'tgħidlu? Għaliex?

**L-interlokutur jgħid lil Student B:**

"Se nistaqsik dwar *il-ħin liberu.*"

1. Inti tippreferi tqatta' l-ħin liberu tiegħek id-dar jew barra? Għaliex?
2. Liema hija l-aktar ħaġa li tħobb tagħmel fil-ħin liberu tiegħek? Għaliex?
3. Taqbel li fil-ħin liberu tiegħek tgħin lill-ġenituri tiegħek inaddfu d-dar? Għaliex?
4. Kieku l-iskola kellha tibda ddum siegħa biss kuljum, kif tqattagħha l-bqija tal-ġurnata? Għaliex?

## TEST 2: TAĦRIĠ 3: STAQSINI INTI (3 minuti)

L-interlokutur jgħid lill-istudenti:

**"Nixtieqkom tħarsu sewwa lejn dan ir-ritratt. (*wara 5 sekondi*) In-nies li qed taraw fir-ritratt nafhom sewwa u lest/a nirrispondi l-mistoqsijiet kollha li se tistaqsuni fuq dak li qed taraw. X'tixtiequ tkunu tafu?"**

Jekk l-interlokutur jara li xi student għandu bżonn l-għajnuna jgħid:

**"Tista' tistaqsini dwar..."**

- **il-post fejn qegħdin dawn in-nies**
- **min huma n-nies li qed jidhru fir-ritratt**
- **min huma n-nies li qed jidhru fuq l-iskrin**
- **x'qed jagħmlu dawn in-nies**
- **jekk dawn in-nies jiġux minn xulxin**
- **għaliex qegħdin jidħqu n-nies tar-ritratt**

L-istudenti jipparteċipaw indaqs xħin imisshom wara xulxin sakemm jgħaddu 3 minuti.



## TEST 2: TAĦRIĠ 4: STAMPA STORJA (3 minuti)

L-interlokutur jgħid:

**"Se nurikom kull wieħed sett ta' stampi li jagħmlu storja. Iflu sew dawn l-istampi u mbagħad għiduli fi kliemkom l-istorja. Iddeskrivu dak li qed taraw fid-dettall."**

Lil Student A: **"Se nagħti l-ewwel sett ta' stampi lilek. Għandek għoxrin sekonda sakemm toqgħod tarahom bil-kwiet. Wara tista' tirrakkonta x'ġara billi tibda hekk:**

**Mela darba ...** ***jew***
**Is-Sibt li għadda ...** ***jew***
**Il-ġimgħa l-oħra ...**

**Infakkrek li għandek tuża Malti tajjeb."**

L-istudent għandu jdum minuta jitkellem fuq dawn l-istampi. Jekk jeħel, l-interlokutur jista' jipponta lejn stampa partikulari u jgħidlu: **"Ara, kellimni iktar fuq din."**

Wara li jlesti Student A, l-interlokutur jirrepeti l-proċedura għal Student B.

**Student A**



**Student B**

